MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 619/2014

Michael **MICALLEF**

vs

**LLOYDS MALTA LIMITED (C – 24284**)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-11 ta' Lulju, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-kumpannija eżekutata Lloyds Malta Limited talbet li din il-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv hawn fuq imsemmi maħruġ kontriha mill-intimat eżekutant Michael Micallef u li hija tisħaq li ma messu jew ma sata' qatt jinħareġ kontriha u la fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u lanqas skond il-liġi fis-seħħ;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat eżekutant Michael Micallef fis-7 ta' Awwissu, 2014, li biha laqa' għat-talba tal-eżekutata billi qal li t-talba ma jmisshiex tintlaqa' minħabba li l-mandat kien eżegwit u dan għaliex is-somma sekwestrata kienet imqiegħda b'ċedola taħt l-awtorita' tal-Qorti u b'hekk it-talba għat-tħassir tal-Mandat ma jifdlilha l-ebda skop. Żied jgħid li l-proċedura li biha nqdiet l-eżekutata ma tiswiex għaliex biha qiegħda timmira li tattakka titolu eżekuttiv billi tuża l-artikolu 281 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili li huwa maħsub għat-tħassir ta' atti eżekutivi. It-titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu huwa talab u kiseb il-ħruġ tal-Mandat tnissel bis-saħħa tal-artikolu 10 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant, kull att eżekuttiv maħruġ minnu huwa tajjeb u jiswa kontra l-eżekutata wkoll, u hija l-liġi li kienet fis-seħħ meta nħalaq it-titolu eżekuttiv li għandha torbot lill-partijiet u mhux il-liġi fis-seħħ meta ġara l-fatt;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-Mandat li għalih jirreferi r-rikors;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-7 ta' Awwissu, 2014;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Awwissu, 2014, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għall-provvediment;

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija azzjoni għal tħassir ta' Mandat eżekuttiv. Il-kumpannija eżekutata trid li l-Qorti tħassar Mandat ta' Sekwestru maħruġ kontriha mill-eżekutant Micallef għaliex tgħid li ma għandux titolu eżekuttiv kontra tagħha u b'hekk ma seta' jinħareġ l-ebda Mandat eżekuttiv kontriha bis-saħħa ta' titolu bħal dak;

Illi l-intimat eżekutant jgħid li din it-talba m'hijiex mistħoqqa għaliex huwa jgawdi tabilħaqq minn titolu eżekuttiv li huwa jista' jeżegwixxi kontra l-kumpannija eżekutata u kontra ħadd aktar. Jgħid ukoll li bil-fatt li l-istess eżekutata għaddiet biex iddepożitat b'ċedola taħt l-awtorita' tal-Qorti s-somma li tissemma fil-Mandat juri li l-azzjoni tagħha saret għal xejn għaliex b'hekk hija aċċettat l-eżekuzzjoni tal-Mandat u bit-tħassir tal-istess Mandat jew mingħajru huwa jista' dejjem jiġbed is-somma depożitata minnha meta jrid u jissodisfa l-kreditu kanoniżżat favurih;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti ewlenin marbutin mal-każ jirriżulta li f'Mejju tal-1989, l-intimat eżekutant fetaħ kawża għad-danni kontra Louis u William Mamo, dwar inċident tat-triq li ġara f'April ta' dik l-istess sena u għall-ħlas tal-ħsara mġarrba fil-karozza tiegħu f'dak l-inċident. Il-kawża nqatgħet b'sentenza mogħtija fit-30 ta' Marzu, 2010[1], minn din il-Qorti (diversament presjeduta). Għalkemm minnha sar appell, l-appell mar deżert u s-sentenza mogħtija fl-2010 saret ġudikat;

[1] Dok "Ċ", f'paġġ. 12 sa 34 tal-proċess

Illi f'April, 2014, l-eżekutant ressaq ittra uffiċjali kontra r-rikorrenti eżekutata biex jitlobha tħallas is-somma ta' danni likwidata fl-imsemmija sentenza u biex jirrendi eżekuttiva l-istess sentenza skond ma jitlob il-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta. Huwa għamel dan għaliex, meta wara s-sentenza, ittanta jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv imnissel minnha, il-kumpannija assikuratriċi tal-imħarrek Mamo – Laferla Insurance Agency Limited – kienet għarrfitu li hija ma kinitx għadha aktar aġent ta' Lloyds;

Illi fis-27 ta' Ġunju, 2014, l-eżekutant talab il-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv mertu ta' din il-proċedura kontra l-eżekutata[2]. L-eżekutant talab il-ħlas ta' erbatax-il elf erba' mija u disgħa u ħamsin euro u erbgħa u tletin ċenteżmi (€ 14,459.34) li tgħodd fiha s-"*sorte*" kanoniżżat bis-saħħa tal-imsemmija sentenza, imgħaxijiet u spejjeż ġudizzjarji dwar l-istess. It-talba tiegħu ntlaqgħet fit-30 ta' Ġunju, 2014. Il-Mandat inħareġ lil erba' (4) sekwestratarji, ilkoll banek kummerċjali f'Malta;

Illi l-kumpannija eżekutata fetħet din il-proċedura fil-11 ta' Lulju, 2014;

Illi fit-28 ta' Lulju, 2014, wieħed mill-erba' sekwestratarji iddepożita b'ċedola s-somma ta' għaxart elef sitt mija u ħdax-il euro u sitta u erbgħin ċenteżmi (€ 10,611.46) biex ikun jista' jiġbidha min għandu jedd għaliha;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ</u> l-Qorti tħoss li jkun xieraq li, qabel kull ħaġa oħra, tqis żewġ argumenti mqajma mill-intimat eżekutant fit-Tweġiba tiegħu;

Illi l-ewwel argument hu fis-sens li l-eżekutata ma tistax titlob aktar it-tħassir tal-mandat ladarba s-somma mitluba fl-istess Mandat tqiegħdet taħt l-awtorita' tal-Qorti permezz ta' ċedola. Id-depożitu ma sarx mill-

[2] Dok "A", f'paġġ. 7- 10 tal-proċess

eżekutata, imma minn wieħed mill-banek sekwestratarji. Irid jingħad ukoll li s-somma depożitata mhijiex is-somma kollha mitluba fil-Mandat maħruġ fuq talba tal-intimat eżekutant. Il-fatt waħdu li xi wieħed mis-sekwestratarji jkun għadda biex iddepożita taħt l-awtorita' tal-Qorti (kif inhu marbut mil-liġi li jagħmel f'każ li tabilħaqq ikollu f'idejh xi flejjes jew ġid tal-intimat eżekutat[3]) ma jġibx b'daqshekk fix-xejn il-jedd li l-istess eżekutat jitlob it-tħassir tal-Mandat li jkun inħareġ jekk ikun hemm iċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi għat-tħassir tal-Mandat: f'każ bħal dak u f'każ li l-Mandat jitħassar kollu jew f'biċċa minnu, l-istess eżekutat ikun jista' jitlob lill-Qorti tħallih jiżbanka s-somma hekk depożitata. Dan jgħodd ukoll fejn is-sekwestratarju ma jkunx iddepożita s-somma kollha sekwestrata għaliex f'idejh ikollu biss assi tad-debitur li jagħmlu tajjeb għal biċċa biss minn dak l-ammont sekwestrat. Għalhekk, l-argument imressaq mill-eżekutant f'dan ir-rigward ma jidhirx li huwa wieħed tajjeb;

Illi t-tieni argument jgħid li l-proċedura li l-eżekutata nqdiet biha hija irritwali għaliex hija maħsuba biex tattakka t-titolu eżekuttiv li huwa jgawdi u li hija tagħmel dan billi tinqeda bil-proċedura maħsuba biex tattakka l-att eżekuttiv. Il-Qorti jidhrilha li, minn dak li joħroġ mill-atti u minn dak li semgħet waqt it-trattazzjoni, lanqas dan l-argument ma jiswa. L-eżekutata bl-ebda mod u fl-ebda waqt ma qiegħda tgħid li t-titolu eżekuttiv vantat mill-eżekutant – is-sentenza mogħtija favurih f'Marzu tal-2010 – ma hijiex titolu eżekuttiv tajjeb u lanqas jidher li għandha xi interess li tattakka dak it-titolu. Dak li l-eżekutata qiegħda tgħid hu li dak it-titolu eżekuttiv ma jagħmilx stat fil-konfront tagħha u huwa minħabba f'hekk li hija qiegħda tattakka l-att eżekuttiv li nħareġ kontriha. Il-Qorti hija tal-fehma li l-eżekutata mxiet sewwa meta nqdiet b'din il-proċedura għaliex ir-rimedju mogħti bl-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa maħsub sewwasew biex jistħarreġ ċirkostanza marbuta mas-siwi tal-att eżekuttiv u t-tħassir tiegħu fiċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi: dan huwa r-rimedju mfittex mill-eżekutata u xejn aktar. Għalhekk, il-Qorti ma ssibx li għandha tilqa' din l-eċċezzjoni tal-intimat eżekutant;

[3] Artt. 376(2)(e) u 378 tal-Kap 12

Illi, fil-mertu, din tal-lum hija talba għat-tħassir ta' Mandat Eżekuttiv. Din il-Qorti diġa' wriet f'deċiżjonijiet oħrajn li hija tat qabel din u kif ukoll f'dak li għadha kemm qalet dwar it-tielet eċċezzjoni tal-intimat, li hija tal-fehma li l-għan li għaliha ddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ[4]. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra. Ta' min iżid jgħid ukoll li dan ir-rimedju ma jingħatax biss lil min kontra tiegħu jkun inħareġ Mandat bħal dak, iżda wkoll lil "xi persuna oħra interessata". Dak li huwa tassew meħtieġ li jintwera minn min jinqeda bi proċedura bħal din hu l-eżistenza ta' "raġuni valida skond il-liġi";

Illi l-liġi ma tgħidx x'tista' tkun "raġuni valida skond il-liġi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in ġenerali, jista' jingħad li Mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma[5], bħal meta jinħareġ kontra persuna ħażina jew persuna b'oħra. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawża preżenti m'huwiex Mandat kawtelatorju;

Illi l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar it-talba mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta. Xogħol il-Qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex wara kollox, fi proċedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza, taxxa ġudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din il-Qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun;

[4] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **1.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Stones Properties Ltd. noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1401**) u App. Ċiv. **25.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***K.T.I. vs Serge*** (Kolleż. Vol: **LXXXV.ii.414**)

[5] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (degriet interlokutorju)

Illi għalhekk din il-Qorti għandha toqgħod b'seba' għajnejn biex ma tħallix kwestjoni dwar Mandat maħruġ minn Qorti tinbidel fi kwestjoni ta' ftuħ mill-ġdid tal-mertu jew billi tħalli li jiddaħħlu fin-nofs kwestjonijiet oħrajn li jista' jkun hemm bejn il-partijiet involuti f'dak il-Mandat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li l-mottiv li jkun wassal lil xiħadd biex jitlob il-ħruġ ta' Mandat m'għandux, bħala regola, ikun raġuni biex il-Qorti tistħarreġ is-siwi tiegħu. Dan jingħad aktar u aktar fejn il-Mandat ikun wieħed eżekuttiv, imsejjes fuq titolu li jkun eżegwibbli;

Illi f'dan il-każ, ir-rikorrenti eżekutata ssejjes it-talba tagħha fuq l-argument dwar jekk hijiex il-"kontradittriċi leġittima" tal-kreditu kanonizzat li jgawdi l-eżekutant. Dan hija tibnih fuq żewġ argumenti: l-ewwel argument huwa fis-sens li s-sentenza miksuba mill-eżekutant ma torbothiex; it-tieni argument hu mnissel min-natura tagħha fir-rigward tas-sindakat ta' Lloyds;

Illi dwar l-ewwel raġuni miġjuba 'l quddiem mill-eżekutata, jibda biex jingħad li saż-żmien li ngħatat is-sentenza favur l-eżekutant, il-kumpannija eżekutata ma kienet bl-ebda mod parti fil-proċeduri li dwarhom ingħatat l-imsemmija sentenza. Jidher li, matul iż-żmien kollu li kienet miexja l-kawża, l-imħarrek Louis Mamo kien assigurat ma' kumpannija assikuratriċi partikolari – Laferla Insurance Agency Limited – u din kienet saħansitra assistiet lill-assikurat tagħha u lil ibnu (l-imħarrek William Mamo) f'dawk il-proċeduri. Billi l-appell imressaq minn dik is-sentenza mar deżert, ġara li, meta l-eżekutant ġie biex jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv u dar lejn l-imsemmija assikuratriċi biex tagħmel tajjeb għall-ħlas tad-danni likwidati favurih, din għarrfitu li ma kinitx aktar rappreżentanti ta' Lloyds. Jidher li kien minn dak il-waqt 'il quddiem li l-eżekutant dawwar il-mira tiegħu lejn il-kumpannija eżekutata. Kemm hu hekk, l-ewwel darba li l-eżekutant interpella lill-eżekutata b'att ġudizzjarju kien sewwasew f'April ta' din is-sena (2014), jiġifieri ftit aktar minn erba' snin wara li ngħatat is-sentenza li tikkostitwixxi t-titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu talab il-ħruġ tal-Mandat;

Illi l-istess eżekutata mbagħad tgħaddi biex tgħid li, ladarba l-eżekutant interpellaha ġudizzjarjament b'riferenza għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 10 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta[6], ried joqgħod għal dak li tippreskrivi l-liġi f'dak l-artikolu. Hija tgħid li, qabel kull ħaġa oħra, l-ħsara li ġarrab l-eżekutant u li wasslitu biex jiftaħ il-kawża kontra l-imħarrkin Mamo ma kenitx ħsara li fiż-żmien li nfetħet il-kawża kien jagħmel tajjeb għaliha l-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk l-eżekutant ma jistax jistrieħ fuq il-polza biex jeżegwixxi t-titolu eżekuttiv tiegħu. U ladarba ma jistax jistrieħ fuq il-polza, anqas u anqas jista' jfittex lil xi assikuratur. Minbarra dan, l-eżekutant ma qagħadx għal dak li jitlob l-imsemmi artikolu, għaliex lilha interpellaha biss darba waħda, wara li kienet ingħatat is-sentenza[7], u mhux ukoll meta kien fetaħ il-kawża[8]. Fis-sewwa, l-istess kumpannija eżekutata tagħti r-raġuni għaliex dan ma sarx, ladarba l-eżekutant kien ġarrab biss danni konsistenti fi ħsara lill-karozza tiegħu u, sa dak iż-żmien li nfetħet il-kawża tiegħu, il-Kap 104 kien jikkontempla biss danni li jikkonsistu f'offiżi fuq il-persuna tat-terzi (mewt jew korriment) u mhux ukoll ta' ħsara lil xi ġid tagħhom;

Illi min-naħa tiegħu, l-eżekutant jisħaq li ladarba ġie biex jeżegwixxi s-sentenza, ried joqgħod għal-liġi kif kienet fiż-żmien li nħalaq it-titolu eżekuttiv (jiġifieri fiż-żmien li s-sentenza saret ġudikat). Huwa jgħid li bis-saħħa tal-bidliet li saru fil-liġi sakemm kienet qiegħda tinstema' l-kawża u sa ma ngħatat is-sentenza favurih, kiseb il-jedd li jfittex ir-risarċiment tad-dannu minnu mġarrab ukoll taħt il-polza;

Illi bla ma terġa' b'xi mod tidħol fil-kwestjoni tal-mertu, il-Qorti jidhrilha li l-eżekutata għandha argument tajjeb. Minn qari tas-sentenza li hija t-titolu eżekuttiv li jgawdi l-eżekutant, joħroġ ċar li s-sejbien tal-ħtija solidali tal-imħarrkin Mamo ma tissejjisx fuq il-polza, imma fuq il-prinċipji tal-liġi ġenerali tad-delitt (ħtija akwiljana)[9]. Dan jgħodd żgur fil-każ tal-imħarrek William Mamo (s-sewwieq li ħabat mal-karozza tal-eżekutant), li lanqas biss kien kopert bil-polza minħabba li dak inhar tal-inċident kien taħt l-eta'; imma jgħodd ukoll fil-konfront ta' missieru l-imħarrek Louis Mamo li

---

[6] Ordinanza XXXVI tal-1939
[7] Skond l-art 10(1) tal-Kap 104
[8] Skond l-art 10(2)(a) tal-Kap 104
[9] Art. 1033 tal-Kap 16

naqas li jara li ibnu ma jsuqx il-karozza bi ksur ta' dak li kienet tipprovdi l-liġi. Fil-fehma tal-Qorti, dan kollu jġib li l-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv li jgawdi l-eżekutant ma tistax issir kontra l-assikuratur jew kontra xi suċċessur tiegħu fid-dritt tiegħu taħt il-polza ta' assikurazzjoni. Fi kliem ieħor, jekk l-eżekuzzjoni saret kontra l-kumpannija eżekutata, dan ikun ifisser li saret kontra persuna li mhijiex passibbli għat-titolu eżekuttiv li jgawdi l-eżekutant u għaldaqstant din iċ-ċirkostanza tikkostitwixxi "raġuni valida skond il-liġi" biex xi att eżekuttiv (bħalma huwa l-Mandat mertu tal-każ) maħruġ kontriha jitqies bla siwi għall-finijiet tal-proċedura li l-Qorti għandha quddiemha llum;

Illi l-eżekutant jargumenta li jekk kemm-il darba l-Qorti kellha tilqa' t-talba tal-eżekutata, dan se' jwassal biex ma jista' jitħallas qatt għaliex ma għandu 'l ħadd aktar kontra min idur għall-ħlas tal-kumpens. Il-Qorti ma tistax torbot ma' argument bħal dan. Fl-ewwel lok, fi proċedura bħalma huwa r-rikors imressaq quddiemha llum taħt l-artikolu 281 tal-Kap 12, dmir il-Qorti huwa li tara biss jekk kemm-il darba hemmx raġuni tajba biex tħassar Mandat Eżekuttiv u mhux li tiggarantixxi li, akkost ta' kollox, il-kreditur eżekutant jitħallas il-kreditu tiegħu. Fit-tieni lok, ma jidhirx li t-tħassib tal-eżekutant huwa mistħoqq għaliex il-liġi tagħti rimedji oħrajn lil min jista' jsib ruħu f'qagħda bħalma jinsab fiha hu u ħalqet strutturi u istituzzjonijiet li jistgħu, fiċ-ċirkostanzi preskritti, jagħmlu tajjeb għal dan[10];

Illi ladarba l-Qorti sejra tilqa' t-talba tal-kumpannija rikorrenti eżekutata fuq dan l-ewwel argument tagħha, ma jidhrilhiex li għandha għalfejn tgħaddi biex tistħarreġ u tqis ukoll it-tieni argument tagħha;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba tar-rikorrenti** eżekutata Lloyds Malta Limited u tordna t-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv Numru 986/2014 maħruġ kontriha fit-30 ta' Ġunju, 2014, mill-intimat eżekutant Michael Micallef. Fiċ-ċirkostanzi, **l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa** bejn il-partijiet.

---

[10] Cfr. Regolamenti tal-2003 dwar il-Fond għall-Protezzjoni u Kumpens (A.L. 435 tal-2003) (L.S. 403.13)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------